**Kieku nista'**

Meta noqgħod naħseb dwar din il-ħajja
Kemm affarijiet inkun nixtieq nibdel,
Għax meta nintafa' inqishom bir-reqqa
Emmnuni li tassew nħossni nitfixkel.

Fihom nara nisġa waħda, it-taħlita
Tat-tajjeb li minsuġ miegħu hu l-ħażin,
Meta nara hekk nibda' nrodd slaleb
X'taħwida tat-taħwidiet, oh waħdadin!

Nara l-ħażen ideffes rasu anki
Fl-aktar ħwejjeġ sbieħ, mimlija qdusija,
Ma jagħtix nifs għal naqra tama ħelwa
Imma tiħ jgħawwar 'l isfel b'tant klubija.

Nammirak meta fil-pont tistaqsini:
"Fejn qiegħed dan Alla li jgħidu ħanin?
Meta hawn tant ħażen li jifga lit-tajjeb?
X'qed jistenna biex jintervjeni fil-ħin?"

Anki jien ħija kemm nistaqshielu
Dil-mistoqsija li tiswa bil-bosta,
Għax titfa' lili u lilek fil-prova
U ma tagħmilx le l'Alla bħal tal-posta.

Iebsa ngħix mingħajr tweġiba f'dan kollu
Li jibqagħli hu biss li nintelaq fih,
Inħoss li din hi l-isbaħ soluzzjoni
Għax fiha biss ħuti jien insib mistrieħ.

Nixtieq kieku nista' li l-affarijiet
Imorru xorta waħda milli huma,
Imma mbagħad x'gost ikun fiha l-ġenna?
Mhijiex il-post speċjali tal-migduma?

Patri Mario Attard OFM Cap
26 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.